# Gramma Grammatika

## ejjew niffurmaw il-Verbi...

### it-3 u s-6 Forma

**It-Tielet Forma** ssir billi **ntawlu l-ewwel vokali tal-Mamma tal-Verb Ewlieni** jew inkella **nibdluha f'ie' jew 'a twila'. Is-Sitt Forma** ssir billi **żżid il-konsonanti 't' quddiem il-Verb fit-tielet Forma**. Iżda meta l-Verb jibda b'waħda mill-konsonanti ċ, d, ġ, s, x, z, ż, it-**'t'** tinbidel u ssir bħalhom.



| 1 FORMA | | | | | 3 FORMA | | | | | 6 FORMA | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | v | 2 | v | 3 | 1 | v | 2 | v | 3 | t | 1 | v | 2 | v | 3 |
| Q | a | GĦ | a | D | Q | **ie** | GĦ | e | D | **t** | Q | **ie** | GĦ | e | D |
| M | e | GĦ | e | K | M | **ie** | GĦ | e | K | **t** | M | **ie** | GĦ | E | K |
| B | | R | | K | B | **ie** | R | e | K | **t** | B | **ie** | R | e | K |

**1-2-3** huma **konsonanti** u **'v'** tfisser **vokali**

lehhilmalti@gmail.com — **LEĦĦ IL-MALTI** — lehhilmalti@gmail.com

## FIL-PJAZZA TAR-RAĦAL

kanzunetta ta' **Enzo Gusman**

Fil-pjazza tar-raħal tagħna
ta' kull filgħaxija
jiltaqgħu tlett irġiel twajba
mdaħħla fiż-żmien.

Jintefgħu fuq l-aħħar targa
taz-zuntier tal-knisja
U hemm iqattgħu l-lejla
jinbxu 'l xulxin.

Ġużeppi jgħidilhom l-istorja
ta' meta kien baħri,
ta' kemm-il darba l-vapur
li kien fuqu kien se jsib il-qiegħ.

*Nirringrazzja lill-Mulej*
*illi s'issa għadni għaddej*
*Kieku tafu kemm batejt*
*u minn xiex għaddejt!*





Karmenu jgħidilhom l-istorja
ta' meta fil-gwerra kien salva
erbat itfal minn taħt debrì.
Għajtulu l-Belt u
fuq sidru waħħlulu midalja
joħrogħa mill-but, jurihielhom
għax għajruh giddieb.

*Nirringrazzja lill-Mulej...*

Pawlinu jgħidilhom li
hu qatt ma kien mar skola
intefa' fil-forn jgħin lil missieru
qalb il-ħmira u dqiq
U llum biex jieħu r-*relief*
għax ma jafx jiffirma
jkollu jmur għand il-kappillan
u jħarbixlu salib.

*Nirringrazzja lill-Mulej...*

Minn ftit żmien 'l hawn
innutajt li x-xjuħ
m'għadhomx iżjed jiltaqgħu
fuq l-aħħar targa taz-zuntier.

Fettilli nsib lill-kappillan u
staqsejtu: "X'sar minnhom?"
U b'ħarsa ta' niket dar fuqi u
qalli dal-kliem:

"Ġużeppi, Pawlinu u Karmenu
m'għadhomx jiltaqgħu
bħal dari fuq
l-aħħar targa taz-zuntier,
għaliex illum jinsabu fejn
Dak li ħabbew sewwa
u minn hemm fuq nismagħhom
it-tlieta jgħajtu ħenjin

*Nirringrazzja lill-Mulej*
*illi issa qiegħed ħdejh*
*Qed ingawdi*
*frott it-tbatija li batejt.*

leħħ il-Malti
nitgħallmu u nikbru flimkien
fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com*